# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.**

**Numru 16**

**Rikors numru 908/19/1 JZM**

**Avukat Dottor Carl Grech kif debitament awtorizzat bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' STANDARD CHARTERED BANK, soċjeta` inkorporata fir-Renju Unit permezz ta' Royal Charter 1853, b'numru ta' riferenza ZC18, bl-uffiċċju prinċipali reġistrat 1, Basinghall Avenue, London (ECV 5DD)**

**v.**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors li l-attur *nomine* ressaq fil-25 ta' Settembru, 2019 u li jaqra hekk:

> "1. Illi l-esponenti huwa debitament awtorizzat jaghmel dan ir-rikors ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Standard Chartered Bank, socjeta` inkorporata fir-Renju Unit permezz ta' Royal Charter 1853,

b'numru ta' referenza ZC18, bl-ufficcju principali rregistrat 1, Basinghall Avenue, London (ECV 5DD) ai termini ta' prokura mahruga u ffirmata favut tieghu nhar is-27 t'Awwissu 2019 li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CG 1.

2. Bis-sahha ta' sentenza moghtija nhar it-30 t'April 2019 mis-*Supreme Fifth Civil Court* tar-Renju tal-Bahrain, fil-kawza 02/2012/01920/4, din l-Onorabbli Qorti ordnat illi l-Letter of Credit mahruga minn Standard Chartered Bank numru 682010006026-L fl-ammont ta' 952,600 USD tigi dikjarata nulla. Kopja tas-sentenza moghtija, kif ukoll traduzzjoni certifikata ghall-Ingliz tal-istess huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok. CG 2.

3. Illi skond ma jidher mic-certifikat mahrug mill-Greater Civil Court tar-Renju tal-Bahrain, nhar l-24 ta' Gunju 2019, ma tressaq l-ebda appell minn din is-sentenza. Kopja tac-certifikat, kif ukoll traduzzjoni certifikata ghall-Ingliz tal-istess huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. CG 3.

4. Illi din is-sentenza giet moghtija minn qorti kompetenti u saret gudikat.

5. Illi r-rikorrenti ghandu interess illi jezegwixxi s-sentenza imsemmija kontra s-socjeta` intimata gewwa Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti, prevja kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilHa xieraq u opportun jitlob lil din il-Qorti sabiex:

1. A tenur tal-Art. 826 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-esekuzzjoni f'Malta tas-sentenza moghtija nhar it-30 t'April 2019 mis-*Supreme Fifth Civil Court* tar-Renju tal-Bahrain, fil-kawza numru 02/2012/01920/4 fejn giet annullata l-*Letter of Credit* 682010006026-L fl-ammont ta' 952,600USD mahruga minn Standard Chartered Bank.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata li hija ingunta ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta li ressaq il-bank konvenut u li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi fl-ewwel lok, il-Qorti estera gewwa l-Bahrain li ippronunzjat is-sentenza ma kenitx Qorti kompetenti u ma kellha l-ebda gurisdizzjoni fil-konfront tal-Bank esponent u dana peress illi l-istess Bank esponent mhuwiex domiciljat gewwa l-Bahrain u lanqas qatt kellu jew ghandu xi presenza gewwa l-Bahrain bil-konsegwenzsa illi s-sentenza estera in kwistjoni mhijietx esegwibbli hawn Malta a tenur tal-artiklu 826 u 827 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

> 2. Illi subordinatament il-karenza ta' interess guridiku tal-Bank rikorrenti billi apparti l-fatt illi s-sentenza estera laqghet it-talbiet tal-parti li fethet il-proceduri esteri u cioe Ahmad Mansour Al Aali Co., ma hemmx xejn fl-imsemmija sentenza li jista' jkun utli jew ta' beneficcju lill-Bank rikorrenti fil-konfront tal-Bank intimat u dan kif jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri.
>
> 3. Illi fi kwalunkwe kaz, is-sentenza estera tmur kontra l-ordni pubbliku Malti u giet ottjenuta fil-kors ta' proceduri u quddiem Qrati ta' pajjiz esteru fejn jidher bic-car illi l-ordinament guridiku tal-Qorti estera ma jikkonformax ma' dak ta' Malta bil-konsegwenza illi l-Bank intimat ma seta' qatt ikollu smiegh xieraq quddiem dik l-istess Qorti estera u dan kif jigi pruvat ahjar matul it-trattazzjoni tal-kaz."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Marzu, 2021 li in forza taghha l-kawza giet deciza billi:

> "filwaqt li qeghda tichad it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet, qeghda tilqa` l-ewwel (1) eccezzjoni. Ghalhekk qeghda tichad it-talba tar-rikorrent noe, spejjez ghar-rikorrent noe."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**II. <u>Provi</u>**
>
> **<u>Av. Dr. Henry sive Eric Mamo</u>** bhala rapprezentant tal-bank intimat xehed illi Standard Chartered Bank kien informa lill-bank intimat b`mandat ta` inibizzjoni li kien qieghed izomm il-bank rikorrent milli jhallas il-*letter of credit*. Il-hrug tal-mandat kien ordnat minn Qorti fil-Bahrain.
>
> Kompla jixhed illi l-bank intimat ha parir legali dwar x`kellha tkun il-posizzjoni tieghu f`dak il-procediment. Il-bank intimat inghata parir li kellu joqghod lura anke jaghmel kuntatt ma` avukat fil-Bahrain dwar il-kwistjoni sabiex xejn ma jiftiehem li l-bank intimat kien qed joqghod jew jaccetta l-gurisdizzjoni tal-qrati tal-Bahrain. Id-decizjoni tal-bank intimat kienet illi jibqa` kontumaci.
>
> Stqarr illi HSBC Bank Malta plc m`ghandu ebda presenza ta` xi xorta fil-Bahrain.
>
> Qal ukoll li l-bank intimat ghamel ricerka *online* dwar l-ordinament gudizzjarju tal-Bahrain mnejn irrizulta illi l-membri tal-gudikatura huma

appuntati direttament mill-Monarkija. Il-gudikanti jigu appuntati fuq bazi kontrattwali ghal zmien definit.

**<u>Hamid Al Mahmood</u>** xehed illi kien ilu jipprattika bhala avukat fil-Bahrain ghal madwar erbghin sena.

Xehed illi s-s-sentenza in kwistjoni nghatat minn qorti kompetenti li kellha gurisdizzjoni sabiex taghti decizjoni dwar obbligazzjoni li kellha tigi ezegwita fil-Bahrain. Fil-kawza ma tressqu ebda eccezzjonijiet dwar il-gurisdizzjoni tal-qorti. Li kieku saret eccezzjoni, il-qorti kienet titratta l-eccezzjoni in linea preliminari inkella fis-sentenza finali flimkien mal-mertu.

Dwar il-hatra tal-membri tal-Gudikatura fil-Bahrain, stqarr illi l-gudikanti jinhatru mir-Re tal-Bahrain wara konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Imhallfin. Il-kompitu ta` dan il-Kunsill huwa li jqis l-idonjeta` tal-persuna sabiex tkun ikkunsidrata ghall-hatra. Imbaghad il-Kunsill iressaq l-ismijet tal-persuni lir-Re li mbaghad jaghmel l-ghazla. Ladarba jinhatar, il-gudikant jibqa` fil-kariga ghal zmien indefinit. Stqarr illi fil-Bahrain hemm nuqqas ta` gudikanti u ghalhekk l-Istat gieli jimpjega bhala gudikanti persuni gejjin minn pajjizi ohra. Fil-kaz ta` dawn il-gudikanti barranin il-hatra tkun ghal zmien determinat.

Kompla jixhed illi fil-kaz odjern, is-sentenza inghatat mill-High Court komposta din minn tliet gudikanti : tnejn minnhom kienu cittadini tal-Bahrain waqt illi t-tielet gudikant kien cittadin tal-Egittu ; il-hatra ta` dan tal-ahhar kienet ghal zmien determinat.

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Ir-rikorrent noe qieghed jitlob l-ezekuzzjoni f`Malta ta` sentenza li nghatat fit-30 ta` April 2019 minn qorti fil-Bahrain fejn kienet dikjarata n-nullita` ta` *letter of credit* li kienet harget favur il-bank intimat.

**Fil-procediment odjern, il-bank intimat ressaq <u>tlett eccezzjonijiet</u>.**

- **<u>Fl-ewwel lok</u> qieghed jeccepixxi li l-qorti tal-Bahrain ma kellhiex gurisdizzjoni peress illi l-bank intimat la kellu domicilju u lanqas rapprezentanza fir-Renju tal-Bahrain.**

- **<u>Fit-tieni lok</u> qieghed jeccepixxi l-karenza ta` interess guridiku tal-bank rikorrent peress illi dan mhux se jikseb gwadann bl-ezekuzzjoni ta` s-sentenza kontra l-bank intimat.**

- **<u>Fit-tielet lok</u> qieghed jeccepixxi illi s-sentenza tal-qorti tal-Bahrain tmur kontra l-ordni pubbliku ta` Malta minhabba l-mod kif issir il-hatra ta` gudikanti fil-Bahrain.**

Tajjeb li jkun rilevat *in primis* illi l-ezekuzzjoni ta` sentenza f`Malta li tkun inghatat minn qorti jew tribunal ta` pajjiz iehor (li ma jkunx stat

membru tal-UE) mhijiex awtomatika ghaliex tinvolvi procediment *exequatur* skont kif previst fl-Art 826 tal-Kap 12. Huwa ukoll possibbli li s-sentenza ma tinghatax rikonoxximent u allura ezekuzzjoni f`Malta jekk tkunx tissoddisfa r-rekwiziti tal-Aart 827 tal-Kap 12.

**L-Art 826 tal-Kap 12** ighid :-

"*Bla hsara tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta` Sentenzi ta` Tribunali Inglizi, is-sentenzi moghtija minn qorti kompetenti ta` pajjiz barra minn Malta, u li jkunu saru gudikat, jistghu jigu esegwiti mill-qorti kompetenti ta` Malta, bhas-sentenzi moghtija f`Malta, fuq rikors b`talba biex tigi ordnata l-ezekuzzjoni ta` dawk is-sentenz*i."

**L-Art 827 tal-Kap 12** jghid x`ezami trid taghmel il-qorti meta ssir talba skont l-Art 826 tal-Kap 12.

Skont l-**Art 827(1)**, l-ezekuzzjoni ma tkunx tista` ssir :-

*"(a) jekk is-sentenza li taghha tintalab l-ezekuzzjoni tista` tkun attakkata ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 811.*

*(b) f`kaz ta` sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kinux kontumaci skont il-ligi barranija.*

*(c) jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta` Malta*."

Imbaghad fis-**subartikolu (2)** jinghad illi :

*"Ghall-finijiet ta` dan l-artikolu, l-eccezzjoni ta` inkompetenza minhabba nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-qorti li tat is-sentenza, tista` tinghata taht id-dispozizzjoni tal-artikolu 811(d), ukoll jekk dik il-qorti tkun iddecidiet fuq l-eccezzjoni tal-inkompetenza, fil-kaz ta` azzjoni kontra persuna li ma taqax taht il-gurisdizzjoni ta` dik il-qorti sew minhabba d-domicilju jew ir-residenza taghha, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx qaghdet minrajha ghal dik il-gurisdizzjoni."*

Min-natura tieghu, l-Art 827 jirrikjedi **nterpretazzjoni stretta.** Fil-fatt sabiex talba ghall-ezekuzzjoni ta` sentenza tkun respinta jehtieg li tirrizulta xi pregudizzjali ndikata fid-disposizzjoni.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-10 ta` Mejju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Schoeller International Gmbh v. Ellul et** inghad hekk :-*:*

*"F`dan il-kuntest din il-Qorti, pero`, thoss li ghandu jigi osservat li meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta` sentenza ta` qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost tal-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12*. *F`dawn ic-cirkostanzi kull ma hu rikjest mill-Qorti ta` Malta hu li tassigura li dik is-sentenza*

*ma tkunx, (a) tista` tigi attakkata ghal xi raguni li, skond il-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, taghti lok ghar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artkolu 811 tal-Kap 12, (b) li f`kaz ta` sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skond illigi barranija, u (c) li dik is-sentenza ma jkunx fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta` Malta.*"

*(ara wkoll* ***Farrugia noe v. Peter Blond International Ltd.*** *deciza minn din il-Qorti fil-31 ta` Ottubru, 2008)."*

Il-principju affermat mill-Qorti tal-Appell huwa konformi mad-dottrina in materia.

**Luigi Mattirolo** fit-**Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiana** (Vol. VI, 4a ed, Torino 1898 p. 942) ighid illi l-qorti fi procediment ta` din ix-xorta :

*" … non e` chiamata ad esaminare e rivedere il merito della causa, e molto meno a riparare la sentenza estera che le apparisca contraria a giustizia, ma solo ad esaminare se la sentenza straniera abbia le condizioni necessarie perche` le si possa accordare forza esecutiva nel nostro territorio. Adunque il giudizio di delibazione e` un giudizio sui generis, straordinario, cosi` per riguardo al magistrato davanti a cui si svolge in primo ed ultimo grado, come per i confini limitati entro i quali debbe strettamente contenersi l`esame dell`autorita` giudicante."*

Il-bank intimat jikkontendi li fil-kaz odjern mhuwiex sodisfatt l-Art 826 tal-Kap 12.

Skont il-bank intimat, **l-ewwel eccezzjoni** ssib sostenn fl-Art 827(2) tal-Kap 12 (*supra*).

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-bank intimat kien notifikat bl-atti tal-kawza li kienet istitwita fil-Bahrain izda ghal ragunijiet ta` strategija legali ghazel li jibqa` kontumaci fil-kawza. Il-bank intimat jikkontendi li ladarba mhuwiex domiciljat fil-Bahrain u lanqas ghandu presenza lanqas tramite rapprezentanza fil-Bahrain, il-qorti ta` dak il-pajjiz ma kenitx kompetenti sabiex tqis it-talbiet attrici kif kienu dedotti kontra l-bank intimat anke jekk l-istess kien baqa` kontumaci fil-kawza.

Il-qorti tirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fil-25 ta` Novembru 1952 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Camilleri noe v. Spiridione Mizzi** fejn inghad :-

"*Is-sentenzi li jkunu ghaddew "in giudicato" pronunzjati minn tribunali kompetenti barra mill-Gzira ta` Malta u d-Dipendenzi Taghha, huma ezegwibili mill-Qrati kompetenti ta` dawn il-Gzejjer bhas-sentenzi moghtijin f`dawn il-Gzejjer, b`citazzjoni b`talba biex tigi ordnata l-ezekuzzjoni ta` tali sentenzi. Izda l-Qorti, qabel ma tiddecidi fuq it-talba, ghandha tara jekk is-sentenza li taghha*

*tintalab l-ezekuzzjoni tkunx impunjabili ghal xi wiehed mill-motivi specifikati fl-art. 814 tal-Kodici tal-Procedura Civili, jekk tirrikorrix xi cirkustanza li tista` tirrendi kompetenti l-Qrati ta` dawn il-Gzejjer skond l-istess Kodici, jekk, f`kaz ta` sentenza pronunzjata in kontumarja, il-partijiet kienux legalment kontumaci, u jekk is-sentenza tikkontjenix dispozizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni publiku jew ghad-dritt publiku intern vigenti f`dawn il-Gzejjer. Jekk fis-sentenza tat-tribunal estern jinsab xi wiehed minn dawn id-difetti jew vizji dik is-sentenza ma tkunx ezegwibili f`dawn il-Gzejjer. Ikun hemm lok li tigi opposta l-inkompetenza tat-tribunal minhabba nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-Qorti li tkun tat is-sentenza, ankorke` dik il-Qorti tkun iddecediet fuq l-eccezzjoni tal-inkompetenza, fil-kazijiet kollha ta` azzjonijiet kontra persuni mhux suggetti ghall-gurisdizzjoni ta` dik il-Qorti minhabba d-domicilju jew ir-residenza, kemm il-darba dawk il-persuni ma jkunux volontarjament issottomettew ruhhom ghal dik il-gurisdizzjoni. Bil-fatt li l-konvenut quddiem it-tribunal esteru baqa` kontumaci, huwa ma jigix li ssottometta ruhu volontarjament ghall-gurisdizzjoni ta` dak it-tribunal; ghaliex il-kontestazzjoni kontumacjali ma hix sottomissjoni ghat-tribunal esteru, imma ghandha tigi nterpretata bhala oppozizzjoni ghall-kompetenza tat-tribunal esteru. U dan apparti milli, biex l-Awtorita` estera jkollha notifika regolari tac-citazzjoni trid tkun uniformat ruhha mal-ligi vigenti fil-pajjiz fejn dik in-notifika ghandha tigi ezegwita*."

Fil-kaz tal-lum, il-kontumacja tal-bank intimat fil-kawza li kienet istitwita fil-Bahrain kienet ghazla tal-bank intimat sabiex taht l-ebda cirkostanza kif ukoll bl-ebda mod ma jinghad li qaghad ghall-gurisdizzjoni tal-qorti tal-Bahrain. Il-fatt wahdu li l-bank intimat kien notifikat bl-atti tal-kawza mhijiex accettazzjoni tal-gurisdizzjoni ta` dik il-qorti. Il-fatt illi l-bank intimat baqa` kontumaci ma tistax titqies bhala sottomissjoni (*submission)* jew accettazzjoni tal-gurisdizzjoni ta` dik il-qorti. Il-bank intimat ghazel li ma jippartecipax f`dik il-kawza propju sabiex hadd ma jimputalu li mqar indirettament qaghad ghall-gurisdizzjoni ta` dik il-qorti. Sahansitra qaghad lura milli jaghmel kuntatt ma` avukat bi prattika fil-Bahrain sabiex mhux biss ibieghed izda sahansitra jwarrab kull pretensjoni anke remota li b`daqshekk ikun baghat sinjal ta` sottomissjoni (*submission*) ghall-gurisdizzjoni tal-qorti ta` dak il-pajjiz. Minn ezami tal-provi jirrizulta soddisfatt il-vot tal-Artu 827(2) tal-Kap 12 peress illi l-azzjoni quddiem il-qorti tal-Bahrain saret kontra konvenut (u cioe` il-bank intimat) li la kellu domicilju u lanqas presenza f`dik il-gurisdizzjoni.

**<u>Safejn kien jirrigwarda l-bank intimat</u>, il-qorti tal-Bahrain la kellha gurisdizzjoni u lanqas kompetenti sabiex tittratta u tiddeciedi t-talbiet. Dik is-sentenza ma taghmilx stat kontra l-bank intimat. L-ewwel eccezzjoni qeghda tkun milqugha. Ghalhekk ma tistax tkun ezegwita bl-Art 826 tal-Kap 12.**

**Il-qorti tista` tieqaf hawn. Pero` sejra xorta wahda tqis iz-zewg eccezzjonijiet l-ohra ghall-fini ta` kompletezza ta` analizi.**

**<u>It-tieni eccezzjoni</u>** tal-bank intimat kienet dwar karenza ta` interess guridiku tal-bank rikorrent.

Il-bank rikorrent ma ttrattax din l-eccezzjoni.

Min-naha tieghu, il-bank intimat baqa` jinsisti fuq l-eccezzjoni.

Il-kawza kienet istitwita fil-Bahrain minn Ahmad Mansour Al Ali Co **<u>kontra</u>** Standard Chartered Bank, HSBC Bank Malta plc u Emirates Aircrete Industries Co.

Tajjeb jinghad bhala **<u>sfond</u>** illi l-*letter of credit* kienet inharget mill-bank rikorrent. Il-bank intimat hallas abbazi skont il-*letter of credit.* Kien hemm rifjut min-naha tal-bank rikorrent li jhallas lill-bank intimat ghal ragunijiet li huma mertu ta` litigazzjoni bejn iz-zewg banek quddiem il-qrati Maltin, liema litigazzjoni qeghda tistenna l-esitu ta` dan il-procediment. Fil-pendenza tal-kawzi quddiem il-qrati Maltin, kienet deciza l-kawza mill-qorti tal-Bahrain fejn kienet dikjarata n-nullita` tal-*letter of credit.* Il-qorti tifhem it-thassib tal-bank intimat dwar l-effett li dik is-sentenza jista` jkollha fuq il-kawzi pendenti bejn iz-zewg banek quddiem il-qrati Maltin.

Ferm il-premess, u minn ezami tal-Art 827, il-qorti ssib illi l-mertu tal-eccezzjoni jisboq il-parametri tal-ezami li ghandha l-obbligu li taghmel f`dan il-procediment. L-Art 827 tal-Kap 12 jahseb ghal tliet eccezzjonijiet li jekk jirrizultaw jirrendu mhux applikabbli l-Art 826.

**Il-mertu tat-tieni eccezzjoni ma jinkwadrax f`wahda mill-eccezzjonijiet previsti fl-Art 827. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni qeghda tkun respinta.**

Fit-**<u>tielet eccezzjoni</u>** jinghad illi s-sentenza tmur kontra l-ordni pubbliku tal-Istat ta` Malta.

Il-provi dwar din l-eccezzjoni huma kontrastanti.

Il-bank rikorrent ressaq provi sabiex juri li l-ordinament guridiku tal-Istat tal-Bahrain, in partikolari safejn jirrigwarda l-Gudikatura, jaghti garanziji tajbin bizzejjed sabiex jaghtu serhan tal-mohh fl-ghoti ta` sentenzi.

Il-provi li ressaq il-bank rikorrent imorru ghall-oppost. Infatti minnhom tohrog li fil-Bahrain l-ghazla tal-gudikanti tiddependi milli jghid ir-Re li huwa l-Kap tal-Istat, b`mod u manjiera li kwazi kwazi l-Kap tal-Istat jinfluwenza mhux ftit l-ezitu tad-decizjonijiet li jaghtu l-qrati fil-pajjiz.

Il-qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fit-30 ta` Ottubru 2015 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Johann Romano Baldacchino et v. Ghazi Haigaz Kaskanian</u>** fejn inghad :-

> "*Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terga` tiftah il-meritu tal-kwistjoni deciza bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal-Qorti la li tghaddi gudizzju fuq il-kompatibbilita` tal-ligi estera mal-Ordinament Guridiku Malti u lanqas li tqabbel il-ligi estera ma` dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta` pajjiz li ghandu ligijiet differenti minn ta` Malta. Il-principju internazzjonali ta` "comity of nations" ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-Artikolu 827. Hu biss meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-ligi estera, tkun kuntrarju ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta` Malta, li Qorti lokali tista` tirrifjuta li tezegwixxi dik is-sentenza estera.*"

Fil-kaz tal-lum, il-bank intimat mhuwiex qieghed johloq kwistjoni dwar l-interpretazzjoni ta` ligi estera u dwar jekk din tikkontrastax ma` kif jifhem il-materja l-ordinament Malti. Proprju xejn minn dan.

L-ilment tal-bank intimat huwa mirat lejn il-hatra tal-gudikanti fil-Bahrain li tirrendi s-sentenzi taghhom in partikolari f`materja tal-principju fondant tas-smigh xieraq inkompatibbli ghall-fini ta` ordni pubbliku ma` dak tal-Istat ta` Malta.

Il-qorti tikkondividi l-linja traccjata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza appena citata.

**Fil-fehma taghha, it-tielet eccezzjoni fil-kuntest tal-Art 826 u 827 tal-Kap 12 tohrog barra mill-ezami li trid taghmel il-qorti fil-parametri tal-procediment odjern. Ghal din ir-raguni, l-eccezzjoni qeghda tkun respinta.**"

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur *nomine* li in forza tiegħu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti;

> "sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tad-decizjoni fejn cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-bank konvenut, tilqa' l-aggravju hawn imressaq u tirrevoka u thassar il-bqija tas-sentenza datata 18 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet 'Avukat Dottor Carl Grech kif debitament awtorizzat bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' Standard Chartered Bank, socjeta` inkorporata fir-Renju Unit permezz ta' Royal Charter 1853, b'Numru Ta' Riferenza Zc18, bl-ufficcju principali registrat 1, Basinghall Avenue, London (Ecv 5dd) – vs – HSBC Bank Malta P.L.C. (C3177)' u tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` appellata filwat li tilqa' t-talba tas-socjeta` appellant, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellata."

6. Rat ir-risposta tal-bank konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellant nomine;

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

9. Illi f'din il-kawza l-attur nomine qed jitlob li tigi inforzata sentenza moghtija fit-30 ta' April, 2019, fir-Renju ta' Bahrain li biha giet dikjarata nulla *Letter of Credit* mahruga minn Standard Chartered Bank; din is-sentenza saret gudikat. Il-bank konvenut eccepixxa n-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti gewwa l-Bahrain, il-karenza ta' interess guridiku tal-bank attur, u li s-sentenza estera tenut kontra l-ordni pubbliku Malti. L-ewwel Qorti cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjoni, izda laqghet l-ewwel eccezzjoni u ddikjarat li s-sentenza estera ma taghmilx stat kontra l-bank konvenut peress li l-bank esteru ma kellux gurisdizzjoni a bazi tas-sub artikolu (2) tal-Artikolu 827 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

10. Ma sarx appell mill-bank konvenut kontra c-cahda mill-ewwel Qorti tat-tieni u t-tielet eccezzjoni tieghu, fil-waqt li l-attur nomine appella mis-sentenza in kwantu l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-bank konvenut bir-rizultat li t-talba tieghu giet michuda.

11. Illi dik l-ewwel eccezzjoni ddur fuq interpretazzjoni tal-Artikolu 827 tal-imsemmi Kap 12 riprodotta *verbatim* fil-parti preliminari tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti. Fil-paragrafu 827(1)(a) jinghad li s-sentenza estera tista' ma tigix esegwita hawn Malta jekk l-istess sentenza tista' tigi attakkata skont l-Artikolu 811 tal-istess Kap 12, li jipprovdi ragunijiet li jiggustifikaw ir-ritrattazzjonijiet ta' kawza. Issa, skont l-Artikolu 811(d) jinghad li kawza tista' tigi ritrattata jekk is-sentenza tkun giet moghtija minn qorti nkompetenti minhabba n-nuqqas ta' gurisdizzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 741(a), basta li qabel ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni tal-inkompetenza. L-Artikolu 741(a) jirreferi ghal eccezzjoni ta' inkompetenza meta l-kawza ma tkunx ta' gurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta.

12. L-Artikolu 827(2) jiddisponi li f'kaz ta' esekuzzjoni ta' sentenza estera, l-eccezzjoni ta' inkompetenza tista' tinghata anke jekk l-qorti estera tkun iddecidiet fuq l-eccezzjoni tal-inkompetenza (jigifieri, kuntrarju ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 811(d)), basta min jissolleva l-eccezzjoni ma jkunx domiciljat jew residenti f'dak il-pajjiz esteru, u sakemm dik il-

persuna ma tkunx issottomettiet minn rajha ghall-gurisdizzjoni tal-qorti estera.

13. L-ewwel Qorti interpretat dan is-sub artikolu bhala li jfisser li l-qorti estera ghandha titqies f'kull kaz inkompetenti jekk dak li jkun ma jkunx domiciljat jew residenti fil-pajjiz esteru. Osservat, allura, li darba l-bank konvenut mhux domiciljat jew residenti fil-Bahrain, is-sentenza tal-qorti ta' dak il-pajjiz mhix esegwibbli hawn Malta ghax dik il-qorti kienet inkompetenti.

14. Din il-Qorti tinnota li dan il-punt gia gie deciz minn din il-Qorti fis-sentenza ricensuri taghha fil-kawza fl-ismijiet "Sultana noe v. Cachia", deciza fit-28 ta' April, 2021. Intqal a propożitu:

> *"Il-principju f'din il-materja hi illi salv il-presenza tal-appellant personalment jew tramite rapprezentant awtorizzat fil-proceduri mertu tas-sentenza li qed tintalab l-ezekuzzjoni taghha, trid tigi pruvata li l-appellant kien residenti jew domiciljat fil-pajjiz fejn ittiehdu l-proceduri kontrih. Il-kontumacja tal-appellant, kif juirrizulta f'dan il-kaz anki minn qari tas-sentenza, mhix wahedha prova ta' residenza jew prezenza tieghu fil-proceduri",*

15. Anke f'dan il-kaz, ma saretx il-prova li l-Bank konvenut kien domiciljat jew resident fil-Bahrain meta nghatat is-sentenza u, allura, l-istess sentenza ma tistax tigi esegwita hawn Malta. Il-principju *actor sequitur forum rei* huwa norma procedurali accettat fid-dritt internazzjonali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur avukat Dottor Carl Grech *nomine* billi tichad l-istess u tikkonferma bis-shih is-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim' istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr